EBF European Banking Federation

ESBG

EUROPEAN ASSOCIATION OF CO-OPERATIVE BANKS

UNI global union europa finance

**L-14 ta' Mejju 2024**

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ASPETTI RELATATI MAL-IMPJIEGI TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

MIS-SĦAB SOĊJALI EWROPEJ FIS-SETTUR BANKARJU

## PREAMBOLU

Fid-dawl tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti preċedenti mill-aħħar ħames snin tas-Sħab Soċjali Ewropej għas-settur bankarju, b'mod partikolari:

- Novembru 2017: Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-Telexogħol fis-Settur Bankarju Ewropew,
- Novembru 2018: Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Impatt tad-Diġitalizzazzjoni fuq l-Impjiegi,
- Diċembru 2021: Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ix-Xogħol mill-Bogħod u Teknoloġiji Ġodda,

U l-proġett fuq sentejn tas-sħab soċjali ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea "Banking in 2030: How will the current global trends and especially Artificial Intelligence (AI), shape the future of the European banking industry and its employees?" ("L-Ibbankjar fl-2030: Kif ix-xejriet globali kurrenti u, speċjalment, l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), se jsawru l-futur tal-industrija bankarja Ewropea u tal-impjegati tagħha?",

Is-Sħab Soċjali Ewropej qablu dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta l-ġdida li ġejja dwar l-Aspetti tal-Impjiegi tal-Intelliġenza Artifiċjali fis-Settur Bankarju Ewropew.

It-tixrid tal-IA introduċiet sfidi u opportunitajiet ġodda. Is-sejbiet tal-proġett "Ibbankjar fl-2030" urew kif ċerti megaxejriet globali mhux biss affettwaw iżda wkoll biddlu s-settur bankarju Ewropew. Xi bidliet kienu diġà bdew jiżvolġu iżda mbagħad ġew aċċellerati mill-pandemija tal-Covid-19. Il-pandemija ġiegħlet lill-ħaddiema tal-banek (u lill-banek infushom) jinteraġixxu mal-klijenti mill-bogħod, u b'hekk ġabet żieda qawwija fin-numru ta' klijenti li jużaw applikazzjonijiet għall-apparati mobbli u l-ibbankjar online. It-tranżizzjoni kienet relattivament faċli, billi l-maġġoranza assoluta tal-forza tax-xogħol tuża apparati diġitali fix-xogħol ta' kuljum tagħha.

Is-sejbiet tal-proġett enfasizzaw ukoll li t-teknoloġiji diġitali avvanzati qegħdin jintużaw dejjem aktar fil-kumpaniji kollha (ta' kull daqs) fl-UE. Is-Sħab Soċjali Ewropej jirrikonoxxu li l-IA qiegħda tevolvi kontinwament u għadha qiegħda tiżviluppa. Dan il-proċess huwa akkumpanjat minn aspetti relatati mal-impjiegi. Fl-istess ħin, il-forom tradizzjonali ta' bbankjar li jinkludu servizzi offruti f'fergħat lokali għadhom importanti.

L-użu tal-IA fis-settur bankarju żdied ukoll u se jkompli jagħmel dan fis-snin li ġejjin. Sehem tajjeb mid-ditti tas-servizzi finanzjarji huwa mistenni li jkun adotta teknoloġija tal-IA fil-5 snin li ġejjin u din se tkun enfasi kbira ta' programmi ġodda ta' taħriġ, inklużi dawk iffinanzjati u pprovduti mill-impjegati tal-banek.

Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet u ta' oħrajn, is-Sħab Soċjali Ewropej tal-Industrija Bankarja nħeġġu lill-membri rispettivi tagħna fil-livell nazzjonali / settorjali / tal-kumpaniji (multinazzjonali) sabiex ikomplu jqisu l-iżviluppi globali fid-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali.

Fuq il-post tax-xogħol, il-banek qegħdin jintroduċu dejjem aktar applikazzjonijiet differenti li jużaw l-Intelliġenza Artifiċjali. Huwa essenzjali li s-Sħab Soċjali tas-settur bankarju fil-livelli rilevanti kollha jisfruttaw l-għodod disponibbli permezz tad-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, rigward l-użu, l-implimentazzjoni, u l-monitoraġġ kontinwu tal-IA.

Id-djalogu soċjali fil-livelli kollha, li jinkludi n-negozjar kollettiv, jirrappreżenta għodda effettiva u pożittiva għall-indirizzar tal-kwistjoni tal-impatt ta' teknoloġiji ġodda u tad-diġitalizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Is-Sħab Soċjali Ewropej jieħdu impenn li jkomplu bil-monitoraġġ u bl-analiżi tal-effetti relatati, anki fir-rigward tal-evoluzzjoni diversifikata tal-mudelli organizzazzjonali tax-xogħol. L-introduzzjoni tal-IA u sistemi, ta' pjattaformi u ta' proċessi diġitalizzati oħrajn qegħdin iwasslu għal trasformazzjonijiet kbar tax-xogħol u tal-organizzazzjoni tax-xogħol, inkluż bl-awtomatizzazzjoni tal-kompiti ta' rutina, bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet umani u bil-ħolqien ta' modi ta' ħidma ġodda u aktar xprunati mid-*data*.

F'dan ir-rigward, u billi l-organizzazzjoni tax-xogħol hija r-responsabbiltà tal-impjegatur, is-Sħab Soċjali Ewropej jikkonfermaw ir-rilevanza tad-djalogu soċjali (inklużi l-informazzjoni u l-konsultazzjoni) u n-negozjar kollettiv biex jiggwidaw l-impatti sinifikanti fuq il-ħaddiema li jirriżultaw mill-introduzzjoni tal-IA. Is-Sħab Soċjali Ewropej se jissorveljaw impatti bħal dawn skont il-leġiżlazzjoni u d-drawwiet nazzjonali.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-IA u mal-aspetti kollha l-oħrajn tat-trasformazzjoni diġitali, il-bniedem se jinżamm fiċ-ċentru tal-organizzazzjoni tax-xogħol, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tal-bniedem fil-kontroll.

Is-Sħab Soċjali Ewropej huma konxji li dawn is-sejbiet u l-konklużjonijiet konġunti tagħhom stess stabbiliti f'din id-Dikjarazzjoni Konġunta jiġu fuq quddiem nett fl-iżviluppi Globali u Ewropej (pereżempju l-konklużjonijiet tripartitiċi tal-ILO tal-2021 dwar l-Impatt tad-Diġitalizzazzjoni fis-Settur Finanzjarju, u l-Att dwar l-IA, id-DORA, il-GDPR, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali tal-UE) iżda jżidu l-valur billi jiffokaw b'mod partikolari fuq il-ħtiġijiet u fuq l-iżviluppi tal-industrija bankarja Ewropea, filwaqt li jinvestigaw l-impatt tal-IA fuq id-dimensjonijiet kollha tal-kwalità tax-xogħol.

Fuq il-bażi ta' dan kollu msemmi hawn fuq, is-Sħab Soċjali Ewropej tal-industrija bankarja jenfasizzaw il-prinċipju tal-bniedem fil-kontroll u jaqblu mal-prinċipji u mal-prattiki li ġejjin sabiex jipprovdu qafas għat-trasformazzjoni b'suċċess fl-interess tal-banek, tal-impjegati tagħhom fil-livelli kollha, tal-klijenti u ta' partijiet ikkonċernati oħrajn involuti.

## I. DEFINIZZJONI TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

Is-Sħab Soċjali Ewropej jifhmu l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) bħala li tfisser sistema bbażata fuq magni mfassla sabiex topera b'livelli varji ta' awtonomija, li jistgħu jesibixxu adattabilità wara li tiġi varata u li, għal objettivi espliċiti jew impliċiti, tinferixxi, mill-input li tirċievi, kif tiġġenera eżiti bħal tbassir, kontenut, rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw ambjenti fiżiċi jew virtwali (L-Att tal-2024 tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-IA).

Is-sistemi tal-IA jistgħu jintgħarfu primarjament, iżda mhux b'mod eżawrjenti, minn tliet karatteristiċi:

- Huma indipendenti, u għalhekk kapaċi jwettqu kompiti u jieħdu deċiżjonijiet mingħajr direzzjoni minn bniedem.
- Jitgħallmu waħedhom, u kapaċi jgħallmu lilhom infushom u jkomplu jitjiebu.
- Għandhom aċċess għal volumi kbar ta' *data*, li minnhom jistgħu jitgħallmu waħedhom.

## II. L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI FIS-SETTUR BANKARJU – STATUS KURRENTI

Is-Sħab Soċjali Settorjali Ewropej jieħdu nota li l-każijiet ta' użu tal-IA qegħdin jiżdiedu. Dan jitlob involviment f'waqtu u minnufih tas-Sħab Soċjali fil-livell xieraq, permezz tal-għodod tad-djalogu soċjali disponibbli kollha, kif deskritt fil-Preambolu, dwar l-użu, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ kontinwu tagħha.

Minbarra l-effetti fuq l-impjegati tal-għodod tas-servizzi bankarji l-ġodda fit-tbassir (eż., pariri dwar in-negozjar tas-suq finanzjarju f'ħin reali) u l-analitika (eż. detezzjoni ta' frodi, maniġġjar tar-riskji, u personalizzazzjoni tal-prodotti), il-fokus ewlieni tas-Sħab Soċjali Ewropej huwa fuq l-użi ta' każ kurrenti u futuri relatati mar-Riżorsi Umani, inklużi l-ippjanar u l-iżvilupp tal-persunal (eż., skjerament tal-persunal, ippjanar, tqabbil tal-profili tar-rekwiżiti u tal-kompetenzi), l-għażla tal-persunal u l-kummerċjalizzazzjoni (eż., roboreklutaġġ, għażla minn qabel tal-applikanti, tiftix ibbażat fuq l-IA għal impjegati potenzjali), u l-analitika tal-persuni (eż. il-prestazzjoni, l-involviment, il-benessri), filwaqt li jiġi żgurat użu responsabbli, trasparenti u mingħajr preġudizzju tas-sistemi tal-IA.

## III. L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI FIS-SETTUR BANKARJU – UŻU RESPONSABBLI

Bit-tixrid tal-IA u bl-isfidi partikolari ta' proċessi kważi black box li jeħtieġu fokus speċifiku fuq ir-riżultati tal-IA, is-Sħab Soċjali Ewropej fl-industrija bankarja jfakkru li huwa essenzjali li jittieħed vantaġġ mill-għodod u mill-proċessi tad-djalogu soċjali fil-livelli xierqa kollha (u kif deskritt fil-

Preambolu) sabiex jimmaniġġjaw kwalunkwe impatt tal-IA fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, fuq il-ġestjoni, fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet u fuq il-privatezza tad-*data* tal-ħaddiema.

Is-Sħab Soċjali Ewropej iħeġġu d-djalogu soċjali sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw azzjonijiet konġunti sabiex jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-impjiegi u jiżguraw l-opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid/titjib tal-ħiliet meta l-profili tax-xogħol huma affettwati mill-użu dejjem akbar tal-IA u ta' teknoloġiji diġitali oħrajn.

Is-Sħab Soċjali Ewropej jieħdu wkoll impenn li jimmonitorjaw b'mod attiv l-iżviluppi u jimmitigaw ir-riskji potenzjalment miġjubin mill-IA għall-privatezza tad-*data*, għas-sigurtà u għat-tħassib etiku, bħall-preġudizzju fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-banek jeħtiġilhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet li jużaw sistemi tal-IA jkunu trasparenti, ġusti u mingħajr preġudizzju, u l-impjegati jridu jiżguraw li jintużaw kif xieraq.

IA ġusta tirreferi għall-iżvilupp u għall-użu ta' Intelliġenza Artifiċjali li mhux biss tevita l-preġudizzju iżda wkoll tagħti prijorità b'mod attiv u tirrispetta d-drittijiet umani fundamentali, b'sistemi tal-IA li jkunu mfasslin, implimentati u operati b'mod li hija timmira li:

- Tippromwovi n-nondiskriminazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-opportunitajiet indaqs, mad-diversità u mal-inklużjoni;
- Tippromwovi l-ġustizzja u deċiżjonijiet ħielsa minn preġudizzju bbażati fuq fattur wieħed jew diversi bħar-razza, il-ġeneru, ir-reliġjon, jew l-isfond soċjoekonomiku;
- Tipproteġi l-privatezza u s-sigurtà, bid-*data* personali użata fis-sistemi tal-IA miġbura, maħżuna u użata b'mod etiku u f'konformità ma' regolamenti dwar il-privatezza tad-*data*, anki fir-rigward tas-sorveljanza, tat-trekkjar u tal-monitoraġġ;
- Tiżgura t-trasparenza fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-impatti tas-sistemi tal-IA u l-fehim ta' dawn, filwaqt li tippermetti s-sorveljanza mill-bniedem, l-intervent meta jkun neċessarju, u d-"dritt ta' spjegazzjoni" għal deċiżjonijiet meħudin b'algoritmi jew b'mudelli ta' apprendiment awtomatiku;
- Tagħti s-setgħa lill-aġenzija u lill-akkontabilità umani, bil-bniedem li jżomm il-kontroll fuq is-sistemi tal-IA u r-responsabbiltà għall-azzjonijiet u għall-eżiti tagħhom;
- Tippermetti lill-ħaddiema jsiru litterati fl-IA;
- Tirrispetta d-dinjità u l-awtonomija tal-bniedem, ma tiksirx id-drittijiet jew il-libertajiet tal-bniedem, u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-bniedem minflok ma toħodlu postu;
- Tippreżerva s-sigurtà u s-sikurezza tal-ħaddiema f'interazzjonijiet bejn il-bniedem u l-magni.

## IV. ID-DJALOGU SOĊJALI, IN-NEGOZJAR KOLLETTIV U D-DRITTIJIET KOLLETTIVI TAT-TRADE UNIONS

L-Intelliġenza Artifiċjali m'għandhiex twassal għal xi bidla fit-termini u fil-kundizzjonijiet tal-impjiegi lil hinn minn dawk li jirregolaw l-interfaċċa bejn il-bniedem u l-magni, inkluż l-użu tat-tagħmir. L-użu minn bank tal-IA huwa soġġett għal monitoraġġ kontinwu permezz tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv kif deskritt fil-Preambolu u skont il-liġi nazzjonali. Il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet kollettivi tal-ħaddiema, inkluż għad-djalogu soċjali u għan-negozjar kollettiv, għandhom jiġu rrispettati anki fil-kuntest tal-Intelliġenza Artifiċjali.

## V. L-ORGANIZZAZZJONI TAX-XOGĦOL U L-ASPETTI TAL-IMPJIEGI TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

### A. IS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA

L-impjegatur huwa responsabblii għas-saħħa u għas-sikrezza okkupazzjonali tal-impjegati u tal-postijiet tax-xogħol kollha, f'konformità mad-Direttiva 89/391/KEE tal-UE u mad-direttivi, mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u mal-ftehimiet kollettivi rilevanti li jinbtu minnha.

Rigward l-użu tas-sistemi tal-IA, is-Sħab Soċjali Ewropej jirrakkomandaw it-twettiq regolari ta' valutazzjonijiet tar-riskju konġunti tas-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali (OSH) li jinkludu l-effetti tal-ġestjoni algoritmika minħabba l-imprevedibbiltà inkorporata tagħha, billi dawn is-sistemi jibbażaw fuq ipproċessar kumpless ta' *data* u għandhom it-tendenza li jnaqqsu l-involviment tal-bniedem fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

Dawn il-valutazzjonijiet jinvolvu l-kumitati rilevanti tal-impjegati skont il-liġijiet u l-prattiki tad-djalogu soċjali nazzjonali u huma marbutin ma' proċessi li jiżguraw li kwalunkwe tħassib ta' riskji jiġi indirizzat minnufih mill-impjegatur.

L-OSHA tal-UE, kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali tal-OSHA, ippubblikaw gwida dwar l-impatt tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali. Is-Sħab Soċjali Ewropej jitolbu lill-partijiet ikkonċernati kollha jimmonitorjaw b'mod regolari dawn l-iżviluppi u jadattaw b'mod kollettiv il-politiki għal żviluppi u għal informazzjoni intuwittiva ġodda.

### B. IT-TAĦRIĠ U L-IŻVILUPP TAL-KOMPETENZI DIĠITALI

L-iżvilupp tal-kompetenzi huwa opportunità siewja għall-impjegati sabiex jitħarrġu mill-ġdid/itejbu l-ħiliet u jibqgħu rilevanti, u għall-prevenzjoni ta' nuqqasijiet f'ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, speċjalment fi żminijiet ta' sfidi demografiċi u ta' żvilupp esponenzjali fit-teknoloġija/fl-IA. L-użu dejjem akbar tal-Intelliġenza Artifiċjali u d-diġitalizzazzjoni dejjem akbar qegħdin jixprunaw il-ħtieġa għal adattament kostanti tal-ħiliet u għal apprendiment tul il-ħajja għall-impjegati kollha tas-settur bankarju

F'termini ta' taħriġ, l-impjegaturi għandhom jipprovdu t-taħriġ neċessarju sabiex jadattaw għal teknoloġiji ġodda, matul il-ħin tax-xogħol. Għat-titjib tal-ħiliet/taħriġ mill-ġdid u għall-gwida dwar il-karriera, l-impjegaturi u l-impjegati huma mħeġġin jitħarrġu matul il-ħinijiet tax-xogħol, meta jkun possibbli. Fiż-żewġ sitwazzjonijiet, l-impjegati jibbenefikaw mill-istess drittijiet u aċċess u b'avviż suffiċjenti mogħti qabel it-taħriġ. Fid-dawl tal-importanza tat-taħriġ u tal-iżviluppi diġitali f'dan il-qasam, is-Sħab Soċjali Ewropej iħeġġu bis-saħħa lill-Kummissjoni Ewropea u lill-gvernijiet nazzjonali sabiex jiffinanzjaw taħriġ bħal dan.

L-impjegaturi u t-trade unions it-tnejn se jikkomunikaw l-importanza tat-taħriġ u tal-iżvilupp tal-kompetenzi lill-membri tagħhom. Taħriġ mill-ġdid xieraq, b'enfasi fuq il-kisba tal-ħiliet ġodda meħtieġa għall-era diġitali u fuq l-adattament għar-realtajiet il-ġodda tax-xogħol, għandu jkun waħda mill-prijoritajiet li għandhom jiġu indirizzati b'mod konġunt kemm mill-impjegaturi kif ukoll mit-trade unions. Il-pjanijiet kollettivi ta' taħriġ għandhom jinkludu wkoll azzjonijiet li jgħinu sabiex inaqqsu d-distakk diġitali u jsaħħu l-impjegabbiltà u l-prospetti tal-impjiegi tal-impjegati tas-settur bankarju.

## VI. ID-DRITTIJIET DIĠITALI FIL-KUNTEST TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

Is-Sħab Soċjali Ewropej iqisu li l-użu dejjem akbar tal-IA jagħmilha neċessarja li tinżamm serje ta' drittijiet diġitali individwali u kollettivi f'konformità mal-liġi applikabbli u mal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv. Dan jinkludi wkoll id-drittijiet kollettivi kif deskritti fil-Preambolu.

Is-Sħab Soċjali Ewropej jieħdu impenn sabiex jiksbu użu responsabbli, etiku u trasparenti tal-forom kollha ta' IA (inkluża l-IA ġenerattiva) u l-ġestjoni algoritmika, ħielsa minn preġudizzju inġust u minn diskriminazzjoni (inkluża dik intersezzjonali), u tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, kif iddikjarat fil-Preambolu.

### A. IR-RESTRIZZJONI TAL-UŻU TAL-GĦODOD TA' SORVELJANZA

Filwaqt li l-Intelliġenza Artifiċjali, flimkien mat-teknoloġiji ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, jistgħu jiffaċilitaw il-proċessi tax-xogħol u jillimitaw kompiti ripetittivi u tedjanti, teknoloġiji li jevolvu b'mod kostanti għall-monitoraġġ u għas-sorveljanza (inkluża l-ġeolokalizzazzjoni) jistgħu joħolqu kontrolli eċċessivi, jinvadu l-privatezza (inklużi d-drittijiet tad-*data*), iżidu l-pressjoni fuq il-prestazzjoni individwali, u jaffettwaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol.

L-użu tal-IA fis-sorveljanza sabiex jiġu mmonitorjati l-impjegati għandu jkun limitat, trasparenti, proporzjonali u konformi mal-ftehimiet kollettivi eżistenti u mal-liġi nazzjonali jew lokali, kif iddikjarat ukoll fil-Preambolu.

Fil-każijiet kollha, deċiżjonijiet relatati mal-użu u mal-analiżi ta' dawn l-għodod iridu jittieħdu minn bniedem, u b'hekk jirrispettaw il-prinċipju tal-bniedem fil-kontroll, u jridu jsegwu proċess predeterminat bi djalogu soċjali kontinwu u b'negozjar kollettiv.

### B. IT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET ABBAŻI TA' ALGORITMU

L-impjegati għandu jkollhom id-dritt li ma jkunux soġġetti għal deċiżjonijiet li jaffettwawhom b'mod legali u sinifikanti fuq il-bażi unikament u esklużivament ta' varjabbli awtomatizzati. Pereżempju, it-tfassil ta' profili, l-għażla tal-persunal, il-promozzjoni interna, il-bidliet fil-kariga u fil-livell tal-grad professjonali, is-sistema ta' sanzjonijiet, u l-evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni dejjem ikunu soġġetti għall-prinċipju tal-bniedem fil-kontroll. Kull impjegat għandu d-dritt li jesprimi l-perspettiva tiegħu u jikkontesta u jappella d-deċiżjoni skont il-leġiżlazzjoni u l-prattiki tad-djalogu soċjali eżistenti.

Miżuri kollettivi għandhom ikunu miftiehma mis-Sħab Soċjali u għandu jiġi żgurat djalogu soċjali kontinwu fuq l-aspetti rilevanti kollha tal-konsegwenzi tat-teħid ta' deċiżjonijiet abbażi ta' algoritmu mill-kumpaniji, kif iddikjarat fil-Preambolu.

### C. PROTEZZJONI TAD-*DATA* U ĊIBERSIGURTÀ

Hija r-responsabbiltà tal-impjegatur li jieħu miżuri sabiex jiżgura l-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza tal-impjegati, u li s-software u l-hardware tal-impjegati jkunu aġġornati u siguri. L-impjegat huwa marbut li jsegwi strettament ir-regoli applikabbli kollha dwar il-protezzjoni tad-*data* u ċ-ċibersigurtà relatati kemm mas-software kif ukoll mal-hardware.

L-impjegatur, flimkien mal-impjegati rilevanti kollha, jeħtieġlu jobdi u jirrispetta d-dispożizzjonijiet legali applikabbli spjegati, eż., mill-GDPR (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), l-Att dwar l-IA, id-DORA fil-livell tal-UE kif ukoll mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-politika dwar l-etika / ir-regolamenti bankarji, il-klawżoli dwar il-kunfidenzjalità u s-sigurtà maħruġin mill-impjegatur, u kwalunkwe klawżola simili oħra kif iddikjarata fil-ftehimiet kollettivi u/jew individwali. Il-paritjiet għall-impjiegi huma responsabbli għat-teħid ta' miżuri xierqa sabiex jiżguraw il-protezzjoni tad-*data* użata u pproċessata għal finijiet professjonali.

L-impjegatur jiżgura li jkunu fis-seħħ il-livelli xierqa ta' sigurtà, filwaqt li jqis il-privatezza tal-impjegat, u li kwalunkwe sistema ta' monitoraġġ tkun konformi mal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali applikabbli jew ma' ftehim kollettiv fil-livell nazzjonali/settorjali/tal-kumpaniji.

Kwalunkwe ġbir ta' *data* rigward l-impjegati jrid isir f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-livelli Ewropej u nazzjonali, inklużi l-prinċipji tar-rilevanza, tan-nuqqas ta' eċċessività, tat-trasparenza u tal-proporzjonalità.

*Data* sensittiva, bħall-kontenut ta' ittri elettroniċi personali, konverżazzjonijiet u trekkjar tal-lokalizzazzjoni, is-saħħa fiżika jew il-benessri emottiv jew is-sħubija fi trade unions, ma għandhiex tinġabar, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi nazzjonali jew minn ftehimiet kollettivi.

Id-*data* tal-ħaddiema ma għandhiex tinbiegħ. Jista' jkun hemm eċċezzjonijiet għar-regola dwar il-bejgħ ta' *data* jekk ikun hemm il-kunsens tal-partijiet kollha. Madankollu, il-kunsens tal-individwu ma tkunx biżżejjed.

## VII. INTRODUZZJONI, MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI TA' DIN ID-DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Kif iddikjarat fil-Preambolu, id-djalogu soċjali fil-livelli kollha, inkluż in-negozjar kollettiv, jirrappreżenta għodda effettiva u pożittiva għall-introduzzjoni ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha se jitwettqu mis-Sħab Soċjali Ewropej, inkluż id-djalogu kontinwu fi ħdan il-laqgħat tad-Djalogu Soċjali Settorjali. Dan jinkludi l-evalwazzjoni tal-aħjar prattiki.

## VIII. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM / IL-PASSI LI JMISS

Id-djalogu soċjali kontinwu u n-negozjar kollettiv huma għodda effettiva ħafna u pożittiva sabiex jiġu indirizzati l-aspetti tal-IA relatati mal-impjiegi.

Is-Sħab Soċjali Ewropej, bil-membri tagħhom, jieħdu impenn li jippromwovu din id-Dikjarazzjoni Konġunta bl-aħjar mod fattibbli fil-livelli Ewropej, nazzjonali, settorjali u tal-kumpaniji (multinazzjonali).

Għal dan l-għan, is-Sħab Soċjali Ewropej jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tittraduċi d-Dikjarazzjoni Konġunta fil-lingwi kollha tal-UE sabiex tiffaċilita d-disseminazzjoni, il-viżibbiltà, u l-adozzjoni ta' din f'dawn id-diversi livelli.

Is-Sħab Soċjali Ewropej tal-industrija bankarja jħeġġu bis-saħħa lis-sħab soċjali settorjali fil-livell nazzjonali sabiex jagħmlu użu mill-pożizzjonijiet konġunti miftehmin f'din id-Dikjarazzjoni Konġunta. Meta applikabbli, din l-istedina testendi għal atturi kollettivi fil-livell tal-kumpaniji, inklużi s-sħab soċjali u l-Kunsilli tax-Xogħol (Ewropej).

Is-Sħab Soċjali Ewropej se jimmonitorjaw, mal-membri tagħhom, il-proċess ta' implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta u jibqgħu miftuħin għad-diskussjoni ta' problemi u ta' xejriet ġodda, u kif l-opportunitajiet u l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod mis-Sħab Soċjali fil-livell xieraq. Is-Sħab Soċjali Ewropej se jwettqu evalwazzjoni sħiħa ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta lejn tmiem il-Programm ta' Ħidma 2025-2026 tagħhom.

* * *

## Iffirmat fi Brussell fl-14 ta’ Mejju 2024

Michael Budolfsen
**President, UNI Europa Finance**

Jens Thau
**President, Il-Federazzjoni Bankarja Ewropea -Il-Kumitat Bankarju għall-Affarijiet Soċjali Ewropej**

Elke Maes
**Viċi-President, UNI Europa Finance**

Michael Kammas
**Viċi-President, Il-Federazzjoni Bankarja Ewropea - Il-Kumitat Bankarju għall-Affarijiet Soċjali Ewropej**

William Portelli
**Koordinatur tad-Djalogu Soċjali Bankarju, UNI Europa Finance**

Sébastien de Brouwer
**Deputat Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Il-Federazzjoni Bankarja Ewropea**

Angelo Di Cristo
**Kap tad-Dipartiment, UNI Finance**

Nina Schindler
**Uffiċjal Kap Eżekuttiv, L-Assoċjazzjoni Ewropea ta’ Banek Kooperattivi**

Maureen Hick
**Direttriċi, UNI Europa Finance**

Peter Simon
**Direttur Maniġerjali, Il-Grupp Ewropew għat-Tfaddil u għall-Operazzjonijiet Bankarji għall-Konsumatur**